MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 220/2006

**Francis Xuereb f'ismu proprju u f'isem is-soċjetà *F.X. Garage Ltd***

***versus***

**Francis Formosa**

1. F'din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu illi l-konvenut jagħmel tajjeb għad-danni li ġarrbu talli, bi ħtija tiegħu, kienu mċaħħda mit-tgawdija ta' ħwejjiġhom. Qegħdin jitolbu ukoll l-imgħaxijiet u l-ispejjeż.
2. L-atturi fissru illi huma għandhom negozju ta' kiri ta' vetturi. Fil-25 ta' Frar 2004 il-konvenut kien kera mingħandhom vettura tal-marka *Toyota Hiace* bin-numru FXG 123. Waqt li din il-vettura kienet f'idejn il-konvenut saret tfittxija fiha minn uffiċjali tal-pulizija esekuttiva u tad-dwana fuq suspett li fiha nġarru sigaretti li fuqhom ma tħallasx dazju. Dakinhar stess il-vettura ġiet konfiskata mill-awtoritajiet b'nota ta' qbid taħt l-art. 68 tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 67).

3. L-atturi ma kellhom x'jaqsmu xejn ma' dan kollu, u kien biss man-notifika tan-nota ta' qbid li saru jafu b'dak li ġara.
4. Il-vettura – li hija parti min-negozju tal-atturi – baqgħet u għadha miżmuma sakemm għadhom għaddejjin il-proċeduri penali kontra l-konvenuti. Għalhekk, bi ħtija tal-konvenut, l-atturi qegħdin jiġu mċaħħda mit-tgawdija ta' ħwejjiġhom u qegħdin iġarrbu danni kbar, kemm minħabba t-telf tal-valur tal-vettura u kif ukoll minħabba t-telf ta' dħul mill-kirjiet tagħha. Billi għalxejn sejħu lill-konvenut, ukoll b'atti ġudizzjarji, biex jagħmel tajjeb għad-danni, l-atturi fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:
4.1. tgħid illi l-konvenut għandu jwieġeb għad-danni kollha li ġarrbu l-atturi;
4.2. tillikwida d-danni; u
4.3. tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati, flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż, fosthom dawk tal-ittra uffiċjali tat-18 ta' Marzu 2004 u tal-protest ġudizzjarju tat-13 ta' Lulju 2005.
5. Il-konvenut, għalkemm notifikat bl-atti u bl-avviż tas-smigħ, ma ressaqx eċċezzjonijiet fiż-żmien li tagħti l-liġi u lanqas deher għas-smigħ tal-kawża. Għalkemm ingħata fakoltà li jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub kif igħid u jrid l-art. 158(10) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, ma għamilx sottomissjonijiet dwar it-talbiet tal-attriċi.
6. Il-fatti relevanti seħħew hekk: Il-konvenut kera vettura kummerċjali mingħand l-atturi u, waqt li kien fiha flimkien ma' ieħor, uffiċjali tal-pulizija ġihom suspett, għamlu tfittxija fil-vettura u sabu sigaretti li fuqhom ma kienx tħallas dazju. Il-vettura nqabdet mill-Kontrollur tad-Dwana b'nota ta' qbid tal-25 ta' Frar 2004 taħt l-art. 68 tal-Ordinanza tad-Dwana (Kap. 67) u għadha miżmuma billi l-proċeduri penali kontra l-konvenut għadhom ma ngħalqux.
7. Naturalment, sakemm il-vettura għadha f'idejn l-awtoritajiet, l-atturi ma jistgħux jinqdew biha għan-negozju tagħhom: ma jistgħux jikruha u qegħdin jitilfu l-qligħ li kienu jagħmlu minnha li kieku baqgħet f'idejhom. Ta' dan jaħti u għandu jwieġeb il-konvenut, għax kien minħabba l-għemil tiegħu bi ksur tal-liġi li seħħ dan kollu.
8. L-ewwel talba tal-atturi għandha għalhekk tintlaqa'. Ngħaddu issa għal-likwidazzjoni tad-danni.
9. Id-danni li ġarrbu l-atturi huma kemm minħabba t-telf tal-vettura nfisha, għax issa li għaddew aktar minn sitt

snin illi nqabdet u matul dan iż-żmien kollu baqgħet wieqfa, il-valur tagħha waqa’, u kemm minħabba t-telf ta’ qligħ.

10. Mix-xiehda tar-rappreżentant tal-importatur tal-vettura ħareġ illi llum, li kieku l-vettura kienet fi stat tajjeb, kienet tinbigħ madwar tlitt elef euro (€3,000). Ladarba l-atturi sejrin jiġu kompensati tat-telf tal-użu tal-vettura bejn l-2004, meta nqabdet, u llum, huwa xieraq illi d-danni għat-telf tal-vettura jinħadmu fuq il-vallur tallum, u mhux ta’ sitt snin ilu, għax li kieku l-vettura baqgħet f’idejn l-atturi u baqgħet tintuża sallum, illum ma kienx ikollha l-valur tal-2004.

11. Mix-xiehda ħareġ ukoll illi l-vettura normalment kienet tinkera għoxrin lira (Lm20) – daqs sitta u erbgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€46.59) – kuljum, jew sbatax-il elf euro (€17,000) fis-sena. Billi x’aktarx illi l-vettura ma kinitx tkun mikrija kull jum tas-sena, u kienu jkollhom isirulha wkoll spejjeż ta’ tiswija, bdil ta’ żjut, *etc*. l-atturi ma kinux idaħħlu sbatax-il elf euro (€17,000) netti fis-sena; il-qorti għalhekk *arbitrio boni viri* tillikwida t-telf fis-somma ta’ ħmistax-il elf euro (€15,000) fis-sena. Billi l-vettura ilha maqbuda sitt snin, it-telf jiġi disgħin elf euro (€90,000).

12. B’kollox għalhekk l-atturi ġarrbu danni ta’ tlieta u disgħin elf euro (€93,000).

13. Il-qorti għalhekk taqta’ l-kawża billi tilqa’ t-talbiet kollha tal-atturi: tgħid illi l-konvenut għandu jagħmel tajjeb għad-danni li ġarrbu l-atturi, tillikwida d-danni fis-somma ta’ tlieta u disgħin elf euro (€93,000) u tikkundanna lill-konvenut iħallas id-danni hekk likwidati flimkien mal-ispejjeż mitluba fir-rikors maħluf u l-imgħaxijiet li jibdew igħaddu millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------